

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Każ COMP/M.6335 – Abertis Infraestructuras/Goldman Sachs Group/Autopistas Metropolitanas de Puerto Rico)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 231/08)

1. Fl-1 ta' Awwissu 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Goldman Sachs Group, Inc. ("Goldman Sachs", l-Istati Uniti tal-Amerika), u Abertis Infraestructuras SA ("Abertis", Spanja) jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll flimkien tal-impriża Autopistas Metropolitanas de Puerto Rico, LLC ("Autopistas", Puerto Rico) permezz ta' xiri ta' ishma f'impriża konġunta li għadha kif inħolqot.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:
 - għal Goldman Sachs: servizzi bankarji globali għall-investment, sigurtajiet u ġestjoni tal-investimenti madwar id-dinja kollha,
 - għal Abertis: il-provvediment ta' servizzi tal-infrastruttura tal-mobbiltà u tat-telekomunikazzjonijiet,
 - għal Autopistas Puerto Rico: Il-ġestjoni u t-tħaddim tal-konċessjonijiet tat-toroq bil-pedaġġ fi Puerto Rico.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6335 – Abertis Infraestructuras/Goldman Sachs Group/Autopistas Metropolitanas de Puerto Rico, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").